31975L0324

L 147/40 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 9.6.1975

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
ta' l-20 ta' Mejju 1975
dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-*aerosol dispensers*

(75/324/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1];

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2];

Billi, f'ċerti Stati Membri, l-*aerosol dispensers* huma meħtieġa li jkunu konformi ma' ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi mandatarji; billi tali speċifikazzjonijiet huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor, u b'hekk, huma ta' xkiel għall-kummerċ fil-Komunità;

Billi dan ix-xkiel huwa għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq komuni jista' jitneħħa jekk l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess speċifikazzjonijiet, jew bħala żieda jew inkella minflok dawk stipulati fil-liġijiet tagħhom preżenti, u billi dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jirrelataw, b'mod aktar partikolari, għal manifattura, il-mili u l-kapaċitajiet nominali tal-*aerosol dispensers*;

Billi, fl-istadju preżenti tal-progress tekniku, il-qasam ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandu jkun limitat għall-*aerosol dispensers* magħmula mill-metall, ħġieġ jew plastik;

Billi ikun meħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet mniżżla fl-Anness li jinsab ma' din id-Direttiva jiġu addattati malajr skond il-progress tekniku; billi, biex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri xierqa meħtieġa, għandha tkun stipulata proċedura għall-koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan Kumitat dwar l-adattament tal-progress tekniku tad-Direttiva l-*aerosol dispensers*;

Billi huwa possibbli li xi *aerosol dispensers* imqegħda fis-suq jistgħu jippreżentaw riskji għas-sigurezza wkoll jekk huma jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva u ta' l-Anness tagħha; billi għalhekk għandha tkun stabbilita proċedura biex dan ir-riskju jitneħħa,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA LI ĠEJJA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-*aerosol dispensers* kif definiti fl-Artikolu 2, bl-eċċezzjoni ta' dawk b'kapaċita massima ta' inqas minn 50 ml, u dawk b'kapaċita massima ikbar minn dik speċifikata fil-punti 3.1, 4.1.1, 4.2.1, 5.1 u 5.2 rispettivament ta' l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Għall-għan ta' din id-Direttiva, it-terminu '*aerosol dispenser*' ifisser kull kontenitur li ma jistax jerġa' jintuża magħmul mill-metall, ħġieġ jew plastik u li jkun fih gass ikkompressat, likwifikat jew maħlul taħt pressjoni, bil-likwidu, pasta jew trab jew mingħajru, u ffittjat b'makkinarju ta' ħelsien li jippermetti lill-kontenut li jinħareġ bħala partikoli solidi jew likwidi f'suspensjoni bħala gass, rawgħa, pasta jew trab jew fi stat likwidu.

Artikolu 3

Il-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq tal-*aerosol dispensers* għandha twaħħal is-simbolu '3' (epsilon maqluba) mal-*aerosol dispensers*, bħala xhieda li dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet tad-Direttiva u l-Anness li jinsab magħha.

Artikolu 4

L-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet relatati mal-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva u fl-Anness li jinsab magħu, jirrifjutaw, jipprojbixxu jew jirristriġu t-tqegħid fis-suq ta' xi *aerosol dispenser* li jkun konformi mal-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva u l-Anness li jinsab tagħha.

[1] ĠU Ċ 83, 11.10.1973, p. 24.
[2] ĠU Ċ 101, 23.11.1973, p. 28.

Artikolu 5

L-emendi meħtieġa biex ikun adattat għall-progress tekniku l-Anness li jinsab ma' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7.

Artikolu 6

1. Kumitat għall-adozzjoni għall-progress tekniku tad-Direttiva l-*aerosol dispensers*, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat', huwa b'dan stabbilit u għandu jkun jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri b'rappreżentant tal-Kummissjoni bħala President.

2. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 7

1. Fejn il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tkun segwita, il-kwistjoni għandha tkun riferita lill-Kumitat mill-President tiegħu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jibgħat lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz f'perjodu ta' xahrejn. L-opinjonijiet għandhom ikunu adottati b'maġġoranza ta' 41 vot, bil-voti ta' l-Istati Membri jkunu ppeżati kif ipprovdut fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-President m'għandux jivvotax.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti fejn dawn ikunu skond l-Opinjoni tal-Kumitat.

(b) Fejn il-miżuri proposti m'humiex skond l-opinjoni tal-Kumitat jew jekk l-ebda opinjoni ma tingħata, il-Kummissjoni mingħajr dewmien tipproponi lill-Kunsill il-miżuri li għandhom ikunu adottati. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

(ċ) Jekk il-Kunsill ma jkunx aġixxa fi żmien tliet xhur missottomissjoni tal-proposta lilu, il-miżuri proposti għandhom jkunu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 8

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi l-oħra tal-Komunità, b'mod partikolari għad-Direttivi dwar sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż, kull *aerosol dispenser* jew, fejn ma jkunux jistgħu jitqiegħdu partikolaritajiet fuq l-*aerosol dispenser* minħabba dimensjonijiet żgħar tiegħu (kapaċità massima ta' 150 ml jew inqas) tikketta mwaħħla miegħu għandu jkun fiha l-partikolaritajiet li ġejjin b'karattri viżibbli, li jinqraw u li ma jistgħux jitħassru.

(a) l-isem u l-indirizz jew marka tan-negozju tal-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq tal-*aerosol dispenser*,

(b) is-simbolu '3' (epsilon maqluba) li tiċċertifika l-konformità mal-kondizzjonijiet tad-Direttiva,

(ċ) marki tal-kodiċi li jippermettu li jkun identifikat il-lott tal-mili,

(d) id-dettalji li għalihom hemm riferenza fil-punt 2.2 ta' l-Anness,

(e) il-kontenut nett skond il-piż u skond il-volum.

2. L-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw it-tqegħid fis-suq ta' *aerosol dispensers* fit-territorju tagħhom għall-użu ta' l-ilsien jew l-ilsna nazzjonali tagħhom għall-kliem fuq it-tikketta.

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kolla meħtieġa biex jevitaw l-użu fuq *aerosol dispensers* ta' marki jew iskrizzjonijiet li jistgħu jitħawwdu mas-simbolu '3' (epsilon maqluba).

Artikolu 10

1. Jekk Stat Membru jinnota, fuq il-bażi ta' ġustifikazzjoni sostantiva, li *aerosol dispenser* wieħed jew aktar, għalkemm jikkonforma mal-kondizzjonijiet tad-Direttiva, jirrappreċenta riskju għas-sigurezza jew is-saħħa, dan jista proviżjorjament jipprojbixxi l-bejgħ tad-*dispenser* jew *dispensers* fit-territorju tiegħu jew jissuġġettah/jissuġġettahom għall-kondizzjonijiet speċjali. Għandu minnufih javża b'dan lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, filwaqt li jiddikjara l-bażi tad-deċiżjoni tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt ġimgħat, tikkonsulta lill-Istat Membru konċernat, u wara għandha tagħti l-opinjoni tagħha mingħajr dewmien u tieħu l-passi xierqa.

3. Jekk il-Kummissjoni tkun ta' l-opinjoni li huma meħtieġa adattazzjonijiet tekniċi għad-Direttiva, tali adattazzjonijiet għandhom ikunu adottati jew mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7. F'dak il-każ, l-Istat Membru li jkun adotta miżuri ta' salvagwardja jista' jżommhom sakemm jidħlu fis-seħħ l-addattazzjonijiet.

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnufih jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Mejju 1975.

Għall-Kunsill

Il-President

R. RYAN

ANNESS

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1. **Pressjonijiet**

'Pressjonijiet' tfisser il-pressjonijiet interni espressi f'bars (pressjonijiet relattivi).

1.2. **Pressjoni tat-Test**

'Pressjoni tat-test' tfisser pressjoni li għaliha kontenitur vojt li jiddispensa l-ajrusol jista' jkun issuġġettat għal 25 sekonda mingħajr ma jkun ikkawżat ħruġ jew, fil-każ ta' kontenituri tal-metall jew plastik, kull tgħawwiġ viżibbli jew permanenti għajr kif permess taħt 6.1.1.2.

1.3. **Pressjoni tat-tifqigħ**

'Pressjoni tat-tifqigħ' tfisser il-pressjoni minima li tikkawża li jinfaqa jew jiċċarrat il-kontenitur li jiddispensa l-ajrusol.

1.4. **Kapaċità totali tal-kontenitur**

'Kapaċità totali tal-kontenitur' tfisser il-volum f'millilitri ta' kontenitur sax-xifer tal-ftuħ.

1.5. **Kapaċità netta**

'Kapaċità netta' tfisser il-volum f'millilitri ta' *aerosol dispenser* mimli u magħluq.

1.6. **Volum tal-fażi likwida**

'Volum tal-fażi likwida' tfisser il-volum tal-fażijiet mhux gassużi fl-*aerosol dispenser* mimli u magħluq.

1.7. **Kondizzjonijiet tat-test**

'Kondizzjonijiet tat-test' tfisser il-valur tat-test u l-pressjonijiet tat-tifqigħ eżerċitati idrawlikalment f'20° C (± 5° C).

1.8. **Kontenut fjammabbli**

'Kontenut fjammabbli' tfisser:

(a) gassijiet li huma fjammabbli fl-arja fi pressjoni normali,

(b) sustanzi u preparazzjonijiet f'forma likwida li għandhom *flash-point* inqas minn, jew ugwali għal, 100° C.

Il-metodu sabiex jiġi determinat il-*flash-point* huwa definit fl-Anness V li jinsab mad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE [1] tas-27 ta' Ġunju 1967 fir-rigward ta' l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri relatati mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluži, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 73/146/KEE [2];

2. DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

2.1. **Konstruzzjoni u apparat**

2.1.1. L-*aerosol dispenser* mimli għandu jkun tali li, taħt kondizzjonijiet normali ta'użu u ħażna, jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

[1] ĠU Ċ 196, 16.8.1967, p. 1.
[2] ĠU L 167, 25.6.1973, p. 1.

2.1.2. Il-valvola għandha tkun tippermetti li l-*aerosol dispenser* ikun issiġillat virtwalment ermetikament taħt kondizzjonijiet normali ta' ħażna jew trasport u għandu jkun protett, per eżempju permezz ta'għatu protettiv kontra kull ftuħ mhux intenzjonat u kull deterjorazzjoni.

2.1.3. M'għandu jkun hemm ebda possibbiltà li r-resistenza mekkanika tal-*aerosol dispenser* tista' tixxekkel bl-azzjoni tas-sustanzi kontenuti fih, anki waqt ħażna twila.

2.2. **Iskrizzjonijiet**

Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi relatati ma' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, kull *aerosol dispenser* jew l-imballaġġ tiegħu għandu jkun immarkat kif ġej b'mod ċar u li jista' jinqara:

(a) 'Kontenitur taħt pressa: ipproteġi mix-xemx u tesponihx għal temperaturi li jaqbżu l-50°C. Ittaqqabx u lanqas taħraq, anki wara l-użu';

(b) 'Tisprejjax fuq fjamma mikxufa jew fuq materjal inkandexxenti', sakemm l-*aerosol dispenser* mhuwiex iddisinjat għal dak l-iskop;

(ċ) 'Fjammabbli' jew is-simbolu ta' fjamma jekk il-kontenut jinkludi iktar minn 45 % skond il-piż, jew iktar minn 250 g ta' komponenti fjammabbli.

3. DISPOSIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-*AEROSOL DISPENSERS* TAL-METAL

3.1. **Kapaċità**

Il-kapaċità totali ta' dawn il-kontenituri ma tistax taqbeż l-1 000 ml.

3.1.1. *Il-pressjoni tat-test tal-kontenitur:*

(a) Għal kontenituri mimlija fi pressjoni ta' inqas minn 6-7 bars f'50 grad C, il-pressjoni tat-test għandha tkun ugwali għal ta' l-inqas 10 bars.

(b) Għal kontenituri mimlija taħt pressjoni ugwali għal jew ikbar minn 6-7 bars f'50°C, il-pressjoni tat-test għandha tkun 50 % ogħla mill-pressjoni interna f'50°C.

3.1.2. *Mili*

F'50° C, il-pressjoni fl-aer*osol dispenser* ma għandhiex taqbeż it-12-il bar, ikun xi jkun it-tip ta' gass użat għall-mili.

3.1.3. *Il-Volum tal-fażi likwida*

Il-volum tal-fażi likwida f'50° C ma għandux jaqbeż is-87 % tal-kapaċità netta. Iżda, għall-kontenituri b'bażi konkav li jsir konvess qabel jinfaqa', il-volum tal-fażi likwida f'50° C jista' jkun sa 95 % tal-kapaċità netta.

4. DISPOSIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-*AEROSOL DISPENSERS* TAL-ĦĠIEĠ

4.1. **Kontenituri miksija bil-plastik jew protetti permanentement**

Il-kontenituri ta' dan it-tip jistgħu jintużaw għal mili b'gass kompressat, likwikat jew maħlul.

4.1.1. *Kapaċità*

Il-kapaċità totali ta' dawn il-kontenituri ma tistax taqbeż il-220 ml.

4.1.2. *Kisi*

Il-kisi għandu ikun invilops protettiv ta' plastik jew materjal addattat ieħor, maħsub biex jevita r-riskju li biċċiet tal-ħġieġ itiru kemm-il darba l-kontenitur jinkiser aċċidentalment, u għandu ikun hekk iddisinjat li ma jkun hemm ebda frak ta' ħġieġ li jtir kemm-il darba l-*aerosol dispenser*, miġjub għal temperatura ta' 20° C, jaqa' minn għoli ta' 1.8 metru fuq art tal-konkos.

4.1.3. *It-test tal-pressjoni ta' kontenitur*

(a) Konteniturі wżati għal mili b'gass kompressat jew maħlul iridu jirreżistu test ta' pressjoni ugwali għal ta' l-inqas 12-il bar.

(b) Konteniturі wżati għal mili bil-gass likwikat jridu jirreżistu pressjoni tat-test ugwali għal ta' l-inqas 10 bars.

4.1.4. *Mili*

(a) ta' *aerosol dispensers* mimlija b'gass kompressat mhumiex meħtieġa jgħaddu pressjoni ta' iktar minn 9 bars f'50° C.

(b) *aerosol dispensers* mimlija bil-gass maħlul ma jkollhomx il-ħtieġa li jkunu jifilħu għal pressjoni ta' iktar minn 8 bars f'50° C.

(ċ) *Aerosol dispensers* li jkun fihom gass likwikat jew taħlit ta' gass likwikat ma jkollhomx il-ħtieġa li jifilħu għal, f'20°C, pressjonijiet ogħla minn dawk murija fit-tabella li ġejja:

Kapaċità totali	Perċentwali skond il-piż ta' gass likwikat fit-taħlita totali		
	20 %	50 %	80 %
50 sa 80 ml	3. 5 bars	2.8 bars	2.5 bars
<80 sa 160 ml	3.2 bars	2.5 bars	2.2 bars
<160 sa 220 ml	2.8 bars	2.1 bars	1.8 bars

Din it-tabella turi l-limiti ta' pressjoni permessi f'20°C f'relazzjoni mal-perċentwali tal-gass.

Il-limiti ta' pressjoni għal perċentwali ta' gass mhux murija fit-tabella għandhom ikunu estrapolati minnha.

4.1.5. *Il-Volum tal-fażi likwida*

Il-volum tal-fażi likwida f'50 grad C tal-aero*sol dispenser* mimli ma għandux jaqbeż id-90 % tal-kapaċità netta.

4.2. **Kontenituri tal-ħġieġ mhux protetti**

Aerosol dispensers li jużaw kontenituri tal-ħġieġ mhux protetti għandhom ikunu mimlijin esklussivament b'gassijiet likwifikati jew maħlula.

4.2.1. *Kapaċità*

Il-kapaċità totali ta' dawn il-kontenituri ma tistax taqbeż l-150 ml.

4.2.2. *Pressjoni tat-Test tal-kontenitur*

Il-pressjoni tat-test tal-kontenitur għandha tkun ugwali għal ta' l-inqas 12-il bar.

4.2.3. *Mili*

(a) *Aerosol dispensers* mimlija b'gass maħlul m'għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu jifilħu għall-pressjoni ta' iktar minn 8 bars f'50°C.

(b) *Aerosol dispensers* li jkun fihom gass likwikat m'għandhomx il-ħtieġa li jkunu jifilħu, f'20°C, għall-pressjonijiet ogħla minn dawk murija fit-tabella li ġejja:

Kapaċità totali	Perċentwali skond il-piż ta' gass likwikat fit-taħlita totali		
	20 %	50 %	80 %
50 sa 70 ml	1.5 bars	1.5 bars	1.25 bars
< 70 sa 150 ml	1.5 bars	1.5 bars	1

Din it-tabella turi l-limiti ta' pressjoni permessi f'20°C f'relazzjoni għall-perċentwali ta' gass likwikat.

Il-limiti ta' pressjoni għal perċentwali ta' gass mhux murija fit-tabella għandhom ikunu estrapolati minnha.

4.2.4. *Il-Volum tal-fażi likwida*

Il-volum tal-fażi likwida f'50°C ta' *aerosol dispenser* mimli b'gass likwikat jew maħlul ma għandux jaqbeż id-90 % tal-kapaċità netta.

5. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI LI JAPPLIKAW GĦALL-*AEROSOL DISPENSERS* TAL-PLASTIK

5.1. *Aerosol dispensers* tal-plastik li jistgħu jitfarrku kif jinfaqgħu għandhom ikunu ttrattati bl-istess mod bħal dak tal-*aerosol dispensers* tal-ħġieġ mhux protett.

5.2. *Aerosol dispensers* tal-plastik li ma jistgħux jitfarrku kif jinfaqgħu għandhom ikunu ttrattati bl-istess mod bħal dak tal-*aerosol dispensers* b'kisja protettiva.

6. TESTIJIET

6.1. **Il-kondizzjonijiet tat-testijiet li għandhom ikunu ggarantiti mill-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq**

6.1.1. *Test idrawliku fuq kontenituri vojta*

6.1.1.1. *Aerosol dispensers* tal-ħġieġ, tal-metall u tal-plastik jridu jkunu kapaċi jifilħu test ta' pressjoni idrawlika kif stipulat fi 3.1.1, 4.1.3 u 4.2.2.

6.1.1.2. Kontenituri tal-metall li juru tgħawwiġ assimetriċi jew maġġuri jew difetti simili oħra għandhom jiġu mwarrba. Tgħawwiġ simmetriku żgħir tal-qiegħ jew wieħed li jaffettwa l-profil tal-qoxra ta' fuq għandu jkun permess b'dan illi l-kontenitur jissupera t-test tat-tifqigħ.

6.1.2. *Test tat-tifqigħ għall-kontenituri vojta tal-metall*

Il-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq għandha tassigura li l-pressjoni tat-tifqigħ tal-kontenituri tkun ta' l-inqas 20 % ogħla mill-pressjoni stabbilita tat-test.

6.1.3. *Test tal-waqgħa għall-kontenituri tal-ħġieġ protett*

Il-fabbrikant għandu jassigura li l-kontenituri jissodisfaw l-kondizzjonijiet tat-test stipulati fl-4.1.2.

6.1.4. *Spezzjoni individwali tal-aerosol dispensers mimlijin*

6.1.4.1. (a) Kull *aerosol dispenser* mimli għandu jkun mgħaddas ġo banju bl-ilma. It-temperatura ta' l-ilma u l-perjodu ta' immersjoni għandu jkun tali li jippermetti:

— li l-kontenut tal-*aerosol dispenser* jilħaq temperatura uniformi ta' 50°C jew

— li l-pressjoni fl-*aerosol dispenser* dik eżerċitata mill-kontenut tiegħu f'temperatura uniformi ta' 50°C.

(b) Kull *aerosol dispenser* li juri tgħawwiġ permanenti viżibbli jew ħruġ għandu jiġi imwarrab.

6.1.4.2. Iżda, kull sistema ta' test li tippermetti riżultat ekwivalenti għal dak tal-metodu tal-banju ilma biex jinkiseb tista' tintuża mill-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq, fuq ir-responsabbiltà tiegħu u bi ftehim tal-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 6 tad-Direttiva.

6.2. **Eżempji tat-testijiet ta' spezzjoni li jistgħu jitwettqu mill-Istati Membri**

6.2.1. *Test fuq kontenituri vojta*

Il-pressjoni tat-test għandha tkun applikata għal 25 sekonda fuq ħames kontenituri magħżulin kif jiġi jiġi minn grupp omoġenju ta' 2 500 kontenitur vojt, jiġifieri mmanifatturati mill-istess materjal bl-istess proċess kontinwu ta' manifattura tal-lott, jew minn lott li jikkostitwixxi sieġha waħda ta' produzzjoni.

Jekk xi wieħed mill-kontenituri ma jgħaddix it-test, għandhom jittieħdu kif jiġi għaxar kontenituri oħra mill-istess lott u jingħaddew mill-istess test.

Jekk xi wieħed minn dawn il-kontenituri ta' l-aerosol ma jgħaddix it-test, il-lott kollu jitqies bħala li mhux tajjeb għall-użu.

6.2.2. *Testijiet fuq aerosol dispensers mimlija*

Testijiet ta' spezzjoni dwar li ma jidħlux ilma u arja għandhom jitwettqu billi numru rappreżentattiv tal-*aerosol dispensers* jiġu mgħaddsa ġo banju bl-ilma. It-temperatura tal-banju u l-perjodu ta' l-immersjoni għandhom ikunu tali li jippermettu lill-kontenuti tal-*aerosol dispensers* biex jiksbu temperatura uniformi ta' 50°C matul il-ħin meħtieġ biex jiġi żgurat li ma hemm ebda tifqigħ jew tiċrit.

Kull lott ta' *aerosol dispensers* li ma jgħaddix minn dawn it-testijiet għandu jkun meqjus li mhux tajjeb għall-użu.